# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**
**Roderick Cilia**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Roderick Cilia** numru tal-Karta tal-identita' 100678M fejn ġie mixli talli nhar it-13 ta' Lulju 2013, ghall-habta tal-erbgha neqsin ghaxra ta' fil-ghodu : -

1. Talli gewwa Triq Sant'Anglu, Senglea seraq fuel minn gewwa mutur bin-numru tar-registrazzjoni RIT099 li l-valur tieghu ma jeccedix il-mitejn, tnejn u tletin euro erbgha u disghin centezmu (E232.94) ghad-detriment ta' Stephen Zerafa u/jew persuni ohra, liema reat huwa aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvedimenti tas-sentenza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Francesco Depasquale datata 25 ta' Marzu 2015 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel

3. Il-Qorti giet ukoll mitluba li titratta mal-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.
4. Inoltre il-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali a beneficcju ta' Stephen Zerafa u l-familja tieghu.

Rat id-dokumenti prodotti u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-provi prodotti din il-Qorti hija soddisfatta sal-grad rikjest mill-Ligi li kien l-imputat li wettaq ir-reat de quo. Huwa gie wkoll pozittivament identifikat mill-vitma ta' dan ir-reat.

Mill-banda l-ohra l-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat li "kiser il-provedimenti tas-sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghhu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D, datata 25 ta' Marzu 2015". Issa f'din il-kawza jirrizulta li hemm kopja ta' sentenza moghtija kontra tal-imputat nhar id-9 t'Ottubru 2014 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dottor Ian Farrugia. Din is-sentenza pero ma jidherx li kienet dik l-istess

sentenza li l-Prosekuzzjoni addebitat il-ksur taghha fl-imputazzjonijiet. Mill-banda l-ohra jirrizulta li hemm fil-process kopja ta' kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtija mill-Magistrat Dottor Francesco Depasquale li pero ma jidherx li gew addebitati lill-imputat, stante li t-tieni imputazzjoni kienet giet korretta mill-Prosekuzzjoni mal-prezentata. Dan ifisser li din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni.

# *DECIDE*

Li wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(f)(g), 270, 271(g), 281(b) u 289 tal-Kodici Kriminali, filwaqt li tiddikjara lill-imputat Roderick Cilia, recidiv f'delitti, mhux hati tat-tieni imputazzjoni stante li din ma gietx soddisfacentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Ligi, mill-banda l-ohra ssibu hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u wara li rat l-artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' tlett snin millum u dan wara li spjegatlu t-tifsira ta' ordni ta' probation u l-konsegwenzi fil-kaz li jiksirha.

Inoltre wara li rat l-artiklu 412D tal-Kodici Kriminali tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ghal perjodu ta' sentejn; u dan wara li spjegat lill-hati t-tifsira ta' ordni ta' trattament u l-konsegwenzi fil-kaz li jikser l-istess ordni ta' probation.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodci Kriminali il-Qorti qeghda tohrog ordni ta' protezzjoni a beneficcju ta' Stephen Zerafa u l-familjari tieghu skont id-digriet anness ma din is-sentenza.

**Mogħtija illum id-29 ta' Frar 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***

Sent/sommarji